MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 50/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***... omissis ...***
**Christopher James Hughes**
***... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher James Hughes talli:

(1) Fl-14 ta' Dicembru 2000, u fix-xhur precedenti fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura; jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi, li jkun fihom indikazzjoni li

tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe` numru ta' CDs foloz;

(2) Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta;

(3) Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenza, jew bhala parti minn attivita` koperta b'tali licenza xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta;

(4) Sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

(5) Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fl-istess cirkostanzi bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas li jaghti jew jipproduci rcevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-Partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur MIzjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

(6) Fl-istess cirkostanzi naqas li jaghti u jipproduci rcevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Christopher James Hughes hati tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) u ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tas-CDs esebiti u msemmija fir-relazzjoni tal-espert Bajada a fol. 11 tal-process verbal anness mal-atti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Christopher James Hughes pprezentat fl-1 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonferma dik il-parti fejn gie liberat mill-hames u s-sitt imputazzjonijiet, u thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti fen sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u minflok tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) huwa ma seta’ qatt jinsab hati tat-tielet imputazzjoni fejn il-prosekuzzjoni kienet qed tinvoka l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992 peress illi dak l-Avviz Legali jikkontempla biss mizura amministrattiva; (2) mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti ma kinitx gustifikata ssibu hati minhabba dubju dwar il-veracita` tad-deposizzjoni tax-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni; (3) l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija dwar it-tielet [**recte:** tieni] imputazzjoni stante n-nuqqas ta’ kwerela valida skond il-ligi.

Kwantu ghall-ewwel aggravju jirrizulta illi l-prosekuzzjoni, permezz tat-tielet imputazzjoni, invokat id-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992. Fil-kuntest tal-kawza odjerna dawn id-disposizzjonijiet jipprovdu essenzjalment li min ikollu licenza tal-Pulizija biex izomm hanut jew licenza ta' *hawker* (bhalma ghandu l-appellant) u b'xi mod ikollu ghall-bejgh jew ibiegh xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u li jkunu protetti bil-ligi ta' Malta jew taht il-ligi ta' Malta, jitqies li jkun qieghed izomm dak il-hanut jew dik il-posta minghajr id-debita licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eugenio Frantz** fis-sentenza ta' l-24 ta' April 2002, proprjament ir-reat ipotizzat b'din it-tielet imputazzjoni huwa, fil-kawza odjerna, dak li kien[1] kontemplat fl-artikolu 181(1) tal-Kap. 10. "Dan ir-reat", tkompli tghid l-imsemmija sentenza, "li huwa ta' natura <u>kontravvenzjonali</u> (art. 318, Kap. 10), ma jiddependix mill-kwerela tal-parti leza … u jista' jissussisti, taht certi cirkostanzi, anke jekk dak li jkun ma jkunx gie akkuzat bir-reat kontemplat fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jew ikun gie hekk akkuzat izda lliberat …."
Issa, jirrizulta li bejn id-data meta l-Pulizija investigaw il-kaz in kwistjoni (14 ta' Dicembru 2000) u d-data tal-prezentata ta' l-appellant fil-Qorti (4 ta' Dicembru 2001) kienet ghaddiet kwazi sena. Konsegwentement, stante li, kif diga` ntqal, ir-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni in kwantu jirreferi ghall-artikolu 181 tal-Kap. 10 huwa reat ta' natura kontravvenzjonali, l-azzjoni fir-rigward ta' dik it-tielet imputazzjoni giet preskritta.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-validita` tal-kwerela rikjesta skond l-artikolu 298B tal-Kap. 9. Tghid li fir-rapport ta' l-espert tekniku Martin Bajada gie kkonstatat illi l-kwerelanti ma kinux awtorizzati sabiex jagixxu kif fil-fatt ghamlu peress illi l-awtorizzazzjoni li rreferiet ghaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet skadiet ferm qabel id-dati rilevanti ghall-kaz odjern, u dan apparti li l-unika awtorizzazzjoni li qatt kellhom kienet limitata ghall-prodotti

---

[1] L-artikolu 181 tal-Kap.10 thassar bis-sahha ta' l-artikolu 33 ta' l-Att XXVII tas-sena 2001.

tal-marka Sony u ghall-ebda ditta estera ohra. Jghid li fl-istess rapport gie konkluz li l-validita` ta' l-awtorizzazzjoni moghtija lis-socjeta` kwerelanti kienet skadiet f'Dicembru 1994 mentri l-kwerela odjerna saret fis-sena 2000 u inoltre li s-CDs identifikati bhala tas-Sony kellhom *release date* ferm wara l-iskadenza tat-terminu ta' l-awtorizzazzjoni msemmija.

In kwantu l-perijodu ta' awtorizzazzjoni tas-Sony lil Visual and Sound Communications bhala distributuri, mill-atti jirrizulta li l-espert tekniku bbaza l-konkluzjoni tieghu fuq il-kuntratt Dok. GB. Wara li l-imsemmi espert tekniku pprezenta r-rapport tieghu pero`, regghet xehdet Grace Borg li esebiet dokument datat 3 ta' Lulju 2000 li ddeskrivietu bhala kontenenti d-"drittijiet moghtija lil VSC minghand Sony International". Fil-fatt dan id-dokument jestendi d-Distribution Agreement ta' l-1 ta' Frar 1994 (cioe` d-Dok. GB) mill-1 ta' April 2000 sal-31 ta' Marzu 2001. Jigifieri meta sehh il-kaz in ezami, il-Visual and Sound Communications kienu distributuri awtorizzati u ghalhekk awtorizzati, skond il-klawzola numru 3.04 tal-ftehim ta' l-1 ta' Frar 1994 li jiehdu*"all steps necessary to secure and maintain protection for the Masters in the Territory under copyright or any equivalent or similar law"* u *"to prosecute all administrative, judicial and other legal proceedings"*. Jigifieri l-kwerela ta' l-14 ta' Dicembru 2000 (Dok. JC8 a fol. 21) li tirreferi ghal CDs distribwiti mid-ditta Sony hija kwerela valida, b'dan li, filwaqt li l-kwerelanti ssemmi tliet CDs tas-Sony, il-perit tekniku fir-rapport tieghu Dok. MB1 a fol. 137 *et seq.* ikkonkluda li huma <u>tnejn biss</u> li gew identifikati bhala prodotti tas-Sony.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-kwerela l-ohra ta' l-istess data (Dok. JC9 a fol. 22) li tirreferi ghal CDs distribwiti mid-ditta BMG International. Difatti l-kwerelanti ma gabet l-ebda prova li hija, ossia l-Visual and Sound Communications, hija distibutur anke ta' xoghol tal-BMG.

It-tieni imputazzjoni tirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u kif dejjem gie ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta'

appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this**

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjonijiet l-ohra[3] dedotti kontra l-appellant.

Il-provi in kwantu jirreferu ghall-appellant in sintesi huma dawn:

Mill-provi jirrizulta li fl-14 ta’ Dicembru 2000 Grace Borg, direttur tal-kumpanija Visual and Sound li timporta u tbiegh affarijiet ta’ muzika, videos u DVDs, irrapportat lill-Pulizija fl-ghassa tal-Belt li minn fuq il-Monti kienet ghadha kemm xtrat numru ta’ CDs minghand certu Christopher James Hughes u liema CDs fil-fehma taghha kienu foloz. Il-Pulizija marru fuq il-post u elevaw is-CDs kollha li kien hemm fuq il-posta numru 115.

**Grace Borg** fil-fatt xehdet li hija kienet marret fuq il-Monti flimkien ma’ certu Alan Ciangura (li ma xehedx f’dawn il-proceduri u xehed biss quddiem il-perit tekniku) u li minn fuq l-ewwel posta li marret fuqha (dik ta’ l-appellant) ghazlet numru ta’ CDs li ghalihom halset xi Lm30 jew Lm35. Qalet li qam kaos u hafna paroli u ghajjat peress illi l-appellant kien jaf min kienet. Minn hemm marret l-ghassa tal-Belt biex taghmel ir-rapport taghha. Hija kkonfermat li qdieha u xtrat minghand l-appellant. Mistoqsija jekk kienx hemm xi hadd iehor fuq il-posta qed ibiegh, wiegbet li dak il-hin partikolari, meta fizikament l-appellant taha s-CDs ma kinitx taf izda sostniet li kemm Jacqueline Hughes, mart l-appellant, kif ukoll certu Martin Cachia (li originarjament gie akkuzat flimkien ma’ l-appellant u martu izda li gie lliberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu) xi hin dehru fuq l-istess posta. Mistoqsija jekk rathomx ibieghu lil haddiehor qalet li kienu qed jidhru li qeghdin hemm biex iservu lin-nies.

**L-appellant** ma xehedx u fl-stqarrija lill-Pulizija (Dok. JC a fol. 32 – 33) ma wiegeb ghal kwazi l-ebda mistoqsija li saritlu.

[3] Stabbilit li l-azzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni tinsab preskritta.

Mir-rapport ta’ Martin Bajada, l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwerenti, jirrizulta li s-CDs li Grace Borg xehdet li akkwistat minghand Christopher James Hughes ma kinux prodott originali, filwaqt li dawk kollha elevati mill-Pulizija kienu koperti kemm b’*Laser Beam Recorder (LBR)* u *mould code* kif ukoll konformi mal-prodott originali.

L-appellant jipprova jitfa’ dubju fuq dak li xehdet Grace Borg minhabba li hija kompetitrici diretta ta’ l-appellant, li kienet qed tigi investigata hi stess dwar cirkolazzjoni ta’ materjal iffalsifikat u li mill-mijiet ta’ CDs elevati mill-Pulizija l-ebda wiehed ma nstab li kien iffalsifikat. L-Ewwel Qorti, fir-rigward tax-xiehda ta’ Grace Borg qalet testwalment: “Illi x-xiehda ta’ Grace Borg giet misjuba minn din il-Qorti bhala wahda mill-aktar kredibbli, hija xiehda illi nghatat bla tlaqliq, hija xiehda vivida kemm f’sens ta’ dettal kif ukoll ghal dik li hi precizjoni. F’din ix-xiehda Grace Borg taghti sekwenza preciza ta’ kif svolgew il-fatti. Di piu` l-ufficjal prosekutur f’dan il-kaz taw ir-rakkont tat-tenacita` ta’ l-istess Grace Borg li riedet tassikura illi l-Pulizija jiehdu r-rapport taghha bis-serjeta`”. Fid-dawl ta’ din il-valutazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti – li kellha l-opportunita` tisma’ x-xhieda viva voce – difficilment tista’ din il-Qorti tasal biex tiddisturbaha biex takkolji l-gravam ta’ l-appellant.

Ghaldaqstant it-tieni aggravju qed jigi michud b’dan li, in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, il-kwerela tal-Visual and Sound Communications (Dok. JC8 a fol. 21) hija milqugha fir-rigward ta’ zewg CDs biss – difatti mill-atti ta’ l-ewwel rapport ta’ l-espert tekniku Martin Bajada u anness ma’ l-atti ta’ l-inkjesta jirrizulta li s-CD bl-isem “The Best of Celine Dion” huwa tal-Priarty Records – filwaqt li l-kwerela Dok. JC9 a fol. 22 hija michuda.

Meqjus dan kollu, ser ikun hemm temperament fil-piena biex jirrifletti r-riforma li din il-Qorti sejra taghmel fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u, minflok, tiddikjara l-azzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni preskritta u ghalhekk minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu gie kkundannat ghall-hlas ta’ multa ta’ tliet mitt liri Maltin (Lm300) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200), u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------